**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 29 ta' Mejju, 2025**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Guramentat Numru:- 447/2024 JVC**

**Falzon Fuel Services Limited (C-45894)**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited (C-10538)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Falzon Fuel Services Limited (C-45894) illi permezz tieghu r-rikorrenti premettiet u talbet kif isegwi:

1) 'Illi s-socjeta' esponenti, fornit lis-socjeta' konvenuta prodotti petroliferi fuq ordni taghha stess, hekk kif inhu indikat mill-balance to date hawn anness u immarkat **Dok A**;

**2)** Illi kif jidher mill-anness balance to date, il-bilanc li ghadu mhux imhallas in konnessjoni mal-istess kostituzzjoni ta' debitu datata id-9 ta' Mejju 2023 (kopja annessa u immarkata **Dok B**) fejn is-socjeta konvenuta kkostitwiet ruha veru cert u likwidu debitur fl-ammont ta' €19,985.00 huwa ta' **Eur 17,985.00;**

**3)** Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti ghad ghandha tircievi minghand is-socjeta' konvenuta is-somma totali ta' **<u>Eur 17,985.00;</u>**

4) Illi s-socjeta' esponenti interpellat lis-socjeta' konvenuta permezz ta' mandat ta' qbid kawtelatorju datat 4 ta' April 2024 (Mandat 563/2024)

5) Illi safejn taf l-esponenti, is-socjeta' konvenuta m'ghanda l-ebda eccezzjoni xi tressaq;

6) Illi l-ammont mitlub huwa dejn cert, likwidu u dovut;

7) Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici fil-konfront tal-esponenti fl-ammont ta' sbatax il- elf, disa mija u hamsa u temin Ewro ⟦Eur 17,985.00⟧;

3) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tihallas lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' sbatax il-elf, disa mija u hamsa u temin Ewro ⟦17,985.00⟧, bl-oghla rata ta' imghax permissibbli skont il-ligi;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' qbid tal-4 ta' April 2024, kontra s-socjeta' konvenuta, ingunta in subizzjoni.'

Rat illi ghalkemm din il-kawza bdiet bil-procedura sommarja tal-giljottina, din il-Qorti fil-verbal tat-30 ta' Mejju, 2024 (fol. 12) cahdet l-ewwel talba u awtorizzat lill-intimat sabiex jipprezenta r-risposta tieghu b'terminu mpost fuqu.

Rat illi s-socjeta' intimata ma prezentat ebda risposta guramentata ghalhekk fil-verbal tal-31 ta' Ottubru 2024 (fol 13) is-socjeta' ntimata giet dikjarata kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta' Patrick Cassar in rapprezentanta tas-socjeta' rikorrenti fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2025 li prezenta wkoll numru ta' dokumentazzjoni fosthom 'statement of account' filwaqt li spjega u kkonferma kif is-somma li ghadha dovuta mis-socjeta' intimata sal-lum hija dik ta' tnax- il elf, disa' mija u hamsa u tmenin Euro (12,985) bilanc. Jispjega li allura s-somma pretiza permezz tal-kawza odjerna trid tigi ridotta bis-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) stante li sar pagament sussegwentement ghall-prezentata tal-kawza mis-socjeta' intimata.

Rat illi fil-verbal datat 6 ta' Mejju, 2025 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' illi s-socjeta' intimata tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet f'terminu mpost fuqha;

Rat li ma gew prezentati l-ebda sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu, l-Qorti rat li nonostante li l-intimata nghatat il-possibilita' li tipprezenta risposta ghall-pretensjonijiet tas-socjeta' rikorrent, din naqset milli taghmel l-istess. Mix-xhieda ta' Patrick Cassar jirrizulta anzi li wara l-prezentata tal-kawza odjerna s-socjeta' ntimata ghaddiet sabiex thallas parti mill-bilanc dovut kif indikat u dan fis-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000). Jirriżulta

ghalhekk mill-'istatement of account' esebit u mix-xhieda bil-gurament ta' Patrick Cassar li ghad hemm dovuta lis-socjeta' rikorrenti mis-socjeta' ntimata is-somma ta' tnax- il elf, disa' mija u hamsa u tmenin Euro (€ 12,985).

Il-Qorti tqis li filwaqt li r-rikorrenti rnexxielha tressaq provi sufficjenti dwar l-ammont dovut lilha mill-intimata, l-intimata ma ghamlet l-ebda sforz, nonostante li nghatat l-opportunita', sabiex b'xi mod tikkontesta l-istess. In vista ta' dan il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti kif ridotti ghas-somma ta' tnax- il elf, disa' mija u hamsa u tmenin Euro (€ 12,985) huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1) Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2) Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata hija debitrici fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf, disa' mija u hamsa u tmenin Euro (€ 12,985);

3) Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' tnax-il elf, disa' mija

u hamsa u tmenin Euro (€ 12,985) bl-imghax skont il-ligi mid-data tad-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' qbid tal-4 ta' April 2024, kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Mejju, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Mejju, 2025**